# KNEJJES U KAPPELLI
# DEDIKATI LID-DULURI

## IL-KNISJA TA' L-ADDOLORATA GEWWA MARATEA

Fic-centru storiku ta' Maratea, fi pjazza Cavour, wiehed isib il-Knisja dedikata lil Marija Addolorata li imbniet fil-bidu tas-seklu 17. L-istil taghha hu dak barokk kif tixhed il-faccata taghha li fiha hemm zewg twieqi u bieb. Fuq il-bieb hemm lunett li juri affresk ta' Marija Addolorata, opra ta' pittur minn Lucca.



Il-gholi tal-faccata jispicca f'disinn arkitettoniku bi tlett twieqi li fihom izommu daqstant qniepen.

L-intern tal-knisja huwa mibni minn nava wahda. L-artal magguri tas1700, xoghol fl-irham abjad interzjat b'irham ikkulurit huwa fost l-oprI ta' l-arti li ghandha l-knisja.



L-impronta ta' l-iskola naplitana tidher evidentement mill-arma li hemm fuq il-bieba tat-tabernaklu li tirrapresenta l-Pieta' u ghandha zmien sa mis-sena 1786.



Fil-knisja hemm pittura dedikata lill-Martirju ta’ San Biagio tas-seklu XVII li l-awtur taghha ma hux maghruf. Din il-pittura tinsab fuq artal zghir  ma’ wiehed mill-hitan.  Pittura ohra taz-zejt turi lill-Madonna tal-Grazzji.



Fis-sena 1788 quddiem il-knisja tqieghed obelisk ta’ l-Addolorata li dan ukoll huwa xoghol ta’ skultur mhux maghruf minn Lucca. Din l-istatwa tad-Duluri isserrah fuq basi piramida triangulari li fuqha hemm zewg iskrizzjonijiet miktuba bil-latin.